

Brussell, 20 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14054/25

COPS 498	CLIMA 439
POLMIL 308	CYBER 273
CIVCOM 254	COTER 167
EUMC 365	CONOP 63
CONUN 163	COARM 166
COAFR 273	CSC 517
COEST 753	CFSP/PESC 1475
MAMA 244	CSDP/PSDC 612
MOG 122	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13532/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Titjib tas-Sħubija Strateġika UE-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà: Prijoritajiet Konġunti 2025-2028

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Titjib tas-Sħubija Strateġika UE-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà: Prijoritajiet Konġunti 2025-2028.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Titjib tas-Sħubija Strateġika UE-NU**dwar il-Paċi u s-Sigurtà: Prijoritajiet Konġunti 2025-2028**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jiddefendu l-ordni internazzjonali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha. Il-Kunsill itenni l-kundanna determinata tiegħu tal-ksur kollu tal-Karta tan-NU u tad-dritt internazzjonali, fosthom id-dritt umanitarju internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem. F'dan ir-rigward, il-Kunsill, għal darb'oħra, jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jafferma mill-ġdid l-appoġġ sostnut tiegħu għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Il-Kunsill jappella wkoll għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza u għall-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, li jwasslu għal tmiem permanenti tal-ostilitajiet; jiddeplora s-sitwazzjoni umanitarja mwieġħra f'Gaza; u jibqa' impenjat bis-sħiħ għal paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati.
2. Fl-ambjent tas-sigurtà globali tal-lum li dejjem sejjer għall-agħar, ikkaratterizzat minn konflitti, theddid ibridu, diżinformazzjoni, u instabbiltà kkawżata mill-klima, il-Kunsill jenfasizza r-rilevanza ta' Sħubija Strateġika mġedda u msaħħa bejn l-UE u n-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà bħala pilastru ewlieni ta' multilateraliżmu effettiv u tar-rwol tal-UE bħala attur kredibbli dinji għall-paċi u s-sigurtà. Din is-sħubija għandha tkun iggwidata minn valuri kondiviżi, fiduċja reċiproka, u impenn għal azzjoni koordinata b'rispons għall-isfidi dinjija li qed jevolvu.

3. Il-Kunsill jappoġġa l-Aġenda Ġdida għall-Paċi tan-NU, l-inizjattiva tal-Azzjoni dwar iż-Żamma tal-Paċi Plus, u jhegġegħ l-implimentazzjoni tal-Patt għall-Futur, li jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni approfondita bejn in-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali dwar il-paċi u s-sigurtà. Dawn l-orjentazzjonijiet dinjija huma allinjati mill-qrib mal-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, u jikkomplementaw il-Konklużjonijiet suċċessivi tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fl-Assemblea Ġenerali tan-NU. Il-Kunsill ifaħħar il-Laqgħa Ministerjali tan-NU dwar iż-Żamma tal-Paċi tal-2025 li saret Berlin, fejn 134 pajjiż ġeddew l-impenn tagħhom għaż-żamma tal-paċi tan-NU u wiegħdu li jibqgħu jagħtu l-appoġġ b'mezzi konkreti. Iż-żamma tal-paċi tan-NU wriet li hija l-pedament tar-rispons internazzjonali għall-kriżijiet u tibqa' simbolu qawwi għall-kondiviżjoni tal-piż fil-livell dinji.
4. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għall-Prijoritajiet Konġunti bejn l-UE u n-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà għall-2025-2028, maqbula mill-Unjoni Ewropea u s-Segretarjat tan-NU, bħala qafas li jħares 'il quddiem li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-konflitt, jirrispetta d-dritt internazzjonali, u jsaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala sieħeb multilaterali affidabbli u proattiv.

5. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment ta' Kumitat Strateġiku UE-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà bħala forum biex jidderieġi l-ippjanar strateġiku, u mekkaniżmu ddedikat għall-koordinazzjoni bejn il-persunal, li ser jiltaqa' regolarment u jirrapporta lill-Kumitat Strateġiku. Il-Kunsill ser jiġi infurmat bi trasparenza sħiħa fil-kuntest ta' aġġornamenti regolari dwar is-sħubijiet għall-paċi, is-sigurtà u d-difiża. Jenfasizza l-kooperazzjoni intensifikata fejn il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u l-operazzjonijiet ta' paċi tan-NU jiġu implimentati b'mod parallel. F'każijiet bħal dawn, l-UE għandha tippromwovi l-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fejn xieraq, u tiffoka fuq l-implimentazzjoni ta' mandati rispettivi, inkluż in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, billi tappoġġa l-politiki rispettivi tagħhom dwar id-diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll tipprevjeni l-konflitti u tippromwovi soluzzjonijiet medjati għall-konflitti, u tipproteġi u tippromwovi l-istat tad-dritt u l-appoġġ għas-settur tas-sigurtà. F'koordinazzjoni mill-qrib maċ-Ċellula tan-NU għall-Ġenerazzjoni ta' Forza Strateġika u l-Ippjanar għall-Kapaċitajiet, l-UE ser tesplora kif tappoġġa l-operazzjonijiet tal-paċi tan-NU u viċi versa.
6. Il-Kunsill ifaħħar ukoll il-kooperazzjoni man-NU u l-Unjoni Afrikana (UA), fit-tnedija tar-Riżoluzzjoni 2719 (2023) tal-Kunsill tas-Sigurtà, li stabbiliet qafas għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-UA awtorizzati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU permezz ta' kontribuzzjonijiet ivvalutati min-NU skont il-każ. Flimkien mal-appoġġ tagħha għall-UA b'mod ġenerali, l-UE tenfasizza r-rieda tagħha li tesplora modi kif tkompli tappoġġa l-organizzazzjonijiet subreġjonali, b'mod partikolari l-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali (RECs) fl-isforzi tagħhom għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjuni rispettivi tagħhom. L-UE tenfasizza wkoll ir-rwol kruċjali ta' strumenti komplementari għall-konsolidazzjoni tal-paċi biex jiġi żgurat li l-paċi tiġi sostnuta, u tad-djalogi trilaterali annwali ta' livell għoli bejn l-UA, l-UE u n-NU, bħala mezz biex jiġu identifikati aktar oqsma ta' kooperazzjoni trilaterali. Barra minn hekk, l-UE tilqa' s-Sitt Laqgħa Trilaterali bejn l-UE, l-UA u n-NU li saret fil-21 ta' Settembru 2025.

7. Il-Kunsill jilqa' l-kontinwazzjoni tad-djalogu strateġiku annwali bejn l-UE u n-NU dwar il-prevenzjoni tal-konflitti, l-istabbilizzazzjoni u l-medjazzjoni għall-paċi. Ifaħħar l-enfasi ta' dawn l-iskambji fuq oqsma ewlenin bħat-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija biex tinżamm il-paċi u jiġu evitati l-konflitti, l-użu strateġiku tad-data u l-analiżi tal-konflitti reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru, l-appoġġ għall-istrateġiji nazzjonali ta' prevenzjoni, flimkien ma' impenn politiku u finanzjarju b'saħħtu għall-prevenzjoni tal-konflitti u l-aġendi relatati, u l-iskambju ta' għarfien u tagħlimiet meħuda abbażi tal-medjazzjoni għall-paċi u l-isforzi ta' djalogu inklużiv. L-UE tappoġġa kooperazzjoni msaħħa man-NU rigward l-isforzi, l-għodod u l-metodoloġiji għall-konsolidazzjoni tal-paċi biex jiġu vvalutati r-riskji tal-vjolenza elettorali u jiġu ddeterminati l-aktar azzjonijiet preventivi xierqa u li jħallu impatt, kif ukoll biex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni sħiħa, indaqs u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġh fil-proċessi ta' paċi u l-involvement ta' medjaturi nisa. Tappoġġa wkoll aktar djalogu bejn ir-Rappreżentanti Speċjali u l-Mibgħuta tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, il-Mibgħuta Speċjali u l-Kapijiet ta' Delegazzjoni tal-UE, kif ukoll permezz tal-iskambju informali annwali bejn il-KPS tal-UE u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll kooperazzjoni msaħħa mal-Uffiċċju ta' Kollegament tan-NU għall-Paċi u s-Sigurtà (UNLOPS) li jinsab Brussell.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-benefiċċju ta' kooperazzjoni approfondita fir-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS), id-diżarm, id-demobilizzazzjoni u r-riintegrazzjoni (DDR), ir-riforma tal-ġustizzja u l-korrezzjonijiet, u l-ġestjoni tal-armi u l-munizzjon (WAM). Jilqa' l-isforzi biex tiġi istituzzjonalizzata l-kollaborazzjoni bejn is-SEAE u l-Uffiċċju tad-Dipartiment għall-Operazzjonijiet ta' Paċi tal-Istat tad-Dritt u l-Istituzzjonijiet tas-Sigurtà (OROLSI), li jinkludu skambji regolari u ppjanar operazzjonali f'pajjiżi prijoritarji. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' programmazzjoni konġunta u skambji regolari bejn esperti tematiċi, b'attenzjoni partikolari għar-rispons għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

9. Il-Kunsill jirrikonoxxi li kuntesti ta' tranżizzjoni u dawk ta' wara l-konflitt jeħtieġu strateġiji ta' ħruġ koerenti u impenn sostnut biex jiġu ppreservati l-kisbiet tal-paċi, u jappoġġa l-ippjanar konġunt u assistenza ta' segwitu mfassla apposta biex tiġi żgurata l-kontinwità politika, istituzzjonali u ta' sigurtà. Il-Kunsill jilqa' l-allinjament ta' dawn l-isforzi mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi.
10. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza tal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS), l-aġenda taż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà (YPS), u t-Tfal u l-Konflitti Armati (CAAC). Jappella għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-għarfien espert u l-implimentazzjoni tal-impenji tad-WPS u tal-YPS, inkluż fl-ippjanar, fit-twettiq, fis-segwitu, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet, u l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, indaqs u sinifikattivi tan-nisa u ż-żgħażaġh. Jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li ż-żgħażaġh jiġu involuti b'mod attiv mingħajr ebda diskriminazzjoni fl-isforzi biex tinbena paċi dejjiema. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu appoġġati u protetti n-nisa u ż-żgħażaġh li jikkonsolidaw il-paċi, flimkien mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Simili għall-"Common Pledge for Women's Full, Equal and Meaningful Participation in Peace Processes" (Wegħda Komuni għal Parteċipazzjoni Sħiħa, Indaqs u Sinifikattiva tan-Nisa fil-Proċessi ta' Paċi) tas-Segretarju Ġenerali tan-NU ffirmat mill-UE, il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal appoġġ imsaħħaħ għall-involviment koerenti ta' medjaturi nisa fil-proċessi ta' paċi u dawk politiċi. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll taħriġ konġunt, l-implimentazzjoni ta' kapaċità ddedikata, u mekkaniżmi msaħħa biex jipprevjenu reati sesswali u dawk ibbażati fuq il-ġeneru, offline u online, u vjolenza sesswali u stupri relatati mal-konflitti, inkluż kontra t-tfal, jipprovdu rfiġh tar-responsabbiltà, u jindirizzaw l-impatt li dawn ir-reati għandhom fuq il-vittmi u s-soċjetà.

11. Il-Kunsill jilqa' l-impenn akbar dwar il-klima, il-paċi u s-sigurtà. Jirrikonoxxi bis-sħiħ l-isfidi operazzjonali maħluqa mill-aċċellerazzjoni rapida tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fl-ambjenti tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet u jappoġġa l-kollaborazzjoni bejn il-konsulenti ambjentali tal-PSDK tal-UE u l-Mekkaniżmu tan-NU dwar is-Sigurtà tal-Klima. Jesprimi tħassib serju dwar il-ħsara kkawżata minn konflitti armati dwar il-klima u l-ambjent u l-fatt li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jwasslu għal żieda fl-instabbiltà u l-konflitt. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-integrazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-klima, tal-paċi u tas-sigurtà fl-analiżijiet tal-konflitti, u fil-promozzjoni tat-tagħlim bejn il-pari u l-bini tal-kapaċità dwar l-ippjanar tal-missjonijiet reattivi għall-klima u jinkoraġġixxi aktar kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU f'dan ir-rigward.
12. F'dan ir-rigward, il-Kunsill, għal darb'oħra, jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jafferma mill-ġdid l-appoġġ sostnut tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Jappoġġa l-iżvilupp konġunt ta' metodoloġiji, bini tal-kapaċità u approċċi tax-xjenza komportamentali, filwaqt li jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati aktar standards etiċi u legali biex jirregolaw teknoloġiji ġodda. Il-Kunsill jenfasizza r-riskji maħluqa mill-miżinformazzjoni, id-diżinformazzjoni, id-diskors ta' mibegħda u ċ-ċiberattivajiet malizzjużi, u jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar l-innovazzjoni teknoloġika għandha tkun diretta lejn il-paċi u s-sigurtà, b'appoġġ għall-medjazzjoni u l-prevenzjoni tal-konflitti, u konsistenti mal-prinċipji umanitarji u d-dritt internazzjonali.

13. Il-Kunsill jappoġġa djalogu msaħħaħ dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u l-prevenzjoni tiegħu, inkluż permezz tad-Djalogu annwali bejn l-UE u n-NU Kontra t-Terroriżmu. Jinkoraġġixxi approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, ibbażat fuq l-istat tad-dritt u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, u jappoġġa l-bini tal-kapaċità koordinat, il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż permezz tal-kriminalità organizzata. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-appoġġ u l-involvement tal-vittmi tat-terroriżmu. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella għal kooperazzjoni msaħħa dwar il-koordinazzjoni ċivili-militari, il-protokolli għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni, u s-sħubijiet reġjonali għas-sigurtà. Il-Kunsill jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib tas-SEAE u diversi organizzazzjonijiet tan-NU, b'mod partikolari l-UNODC, fil-qafas tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu.
14. Il-Kunsill jenfasizza l-valur tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar in-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi biex jissaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u l-istat tad-dritt, titnaqqas it-tbatija umana u jiġi indirizzat it-theddid minħabba l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-kummerċ illeċitu ta' armi konvenzjonali, inkluż armi ħfief u ta' kalibru żgħir. Il-Kunsill ser ikompli jappoġġa l-isforzi tan-NU, inkluż bit-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-arkitettura eżistenti tat-trattati u ta' arranġamenti internazzjonali oħra, kif xieraq, kif ukoll permezz ta' bini ta' kapaċità konkret f'oqsma rilevanti.

15. Il-Kunsill itenni l-valur ta' inizjattivi ta' taħriġ konġunt orjentati b'mod strateġiku, l-użu ta' esperti ċivili u militari, u l-istituzzjonalizzazzjoni ulterjuri ta' sħubiji bejn il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD), inkluż is-Sħab Assoċjati tan-Network tiegħu, u l-korpi ta' taħriġ rilevanti tan-NU, u jappella lill-Istati Membri jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet komuni.
 16. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jirrikonoxxi s-Sħubija Strateġika mtejbja bejn l-UE u n-NU dwar il-Paċi u s-Sigurtà bħala inizjattiva ewlenija ta' multilateraliżmu bbażat fuq il-prinċipji u orjentat lejn ir-riżultati, u li ssaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala faċilitatur tal-paċi, fornitur tas-sigurtà u attur tad-difiża, u jistenna b'interess l-implimentazzjoni sħiħa tal-prijoritajiet konġunti għall-2025-2028.
-